DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 150/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/632/UE tal-21 ta' Settembru 2011 li tistabbilixxi kwestjonarju li għandu jintuża għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-inċinerazzjoni ta' skart ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/632/UE tħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2013, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/731/UE ([3]), li hi inkorporata fil-Ftehim, u li konsegwentement għandha tiġi mħassra skont l-istess Ftehim b'effett mill-1 ta' Jannar 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jidħol wara l-punt 32ffa (ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 333/2011):

"32fg. **32011 D 0632**: id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/632/UE tal-21 ta' Settembru 2011 li tistabbilixxi kwestjonarju li għandu jintuża għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-inċinerazzjoni tal-iskart (ĠU L 247, 24.9.2011, p. 54)."

2. It-test tal-punt 32fd (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/731/UE) għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2013.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/632/UE bl-ilsien Islandiż u b'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, dment li jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it- 13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 270, 4.10.2012, p. 40.
([2]) ĠU L 247, 24.9.2011, p. 54.
([3]) ĠU L 315, 1.12.2010, p. 38.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.